# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħmistax (15) ta' Diċembru 2020**

**Ċitazzjoni Nru 1082/2020 FDP**

**JTS Trading Limited**
**(C-68219)**

**Vs**

**Ian Paul Galea**
**(ID 361577M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat mis-soċjeta' rikorrenti fis-17 ta' Novembru 2020 u maħluf minn Jurgen Lee Borg, fejn talbet is-segwenti:

1. *Illi s-socjeta' rikorrenti biegħet u ssupliet lill-intimat merkanzija konsistenti f'għamara (inkluż kċejjen, kmamar tas-sodda u wall-units) u rrendietlu diversi servizzi konsistenti fl-installazzjoni ta' għamara, għal liema merkanzija supplita u servizzi reżi l-intimat għandu jħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' tletin elf, tliet mija u ħamsa u disgħin Ewro (€30,395), kif jidher u jirriżulta mill-Istatement li qed jiġi hawn anness bħala Dok. A*

2. *Illi minkejja l-interpellazzjonijiet illi sarulu għall-ħlas, l-intimat baqa' inadempjenti u s-somma ta' tletin elf, tliet mija u ħamsa u disgħin Ewro (€30,395) għadha kollha dovuta mill-intimat lis-soċjeta' rikorrenti.*

3. *Illi d-dejn li għandu l-intimat versu u fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tletin elf, tliet mija u ħamsa u disgħin Ewro (€30,395) huwa ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti, l-intimat m'għandu ebda eċċezzjonijiet validi fil-liġi biex jilqa' għat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti u dan kif konfermat ukoll fid-dikjarazzjoni ġuramentata hawn annessa bħala Dok. 'B'.*

4. *Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha meħtieġa skond il-liġi sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ u skond proċeduri speċjali sommarji kif stabbiliti fil-liġi.*

*Jgħid għalhekk l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*(i) tiddispensa mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddeċiedi din il-kawża skond proċedura speċjali sommarja;*

*(ii) tiddikjara illi l-intimat huwa veru, ċert u likwidu debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tletin elf, tlett mija u ħamsa u disgħin Ewro (€30,395) rappreżentanti ħlas dovut għal merkanzija mibjugħa u supplita u għal servizzi reżi mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimat kif fuq imfisser u skond l-Istatement hawn anness bħala Dok. 'A';*

*(iii) konsegwentement tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-imsemmija somma ta' tletin elf, tliet mija u ħamsa u disgħin Ewro (€30,395).*

*Bl-ispejjeż kollha inkluż dak tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1537/2020 u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimati li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat illi fid-19 ta' Novembru 2020 il-Qorti appuntat il-każ għas-smiegħ għad-9 ta' Diċembru 2020.

Rat illi fid-9 ta' Diċembru 2020, l-intimat Ian Paul Galea deher quddiem il-Qorti u ammetta għat-talbiet kif dedotti.

Rat illi, fuq ammissjoni tal-intimat, il-Qorti tista' tipproċedi għas-sentenza.

## Deċiżjoni finali

Il-Qorti,

Wara illi rat l-amissjoni ta' l-intimat, taqta' u tiddeċiedi dina l-vertenza billi:

(i) **Tiddikjara** illi l-intimat huwa veru, ċert u likwidu debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tletin elf, tlett mija u ħamsa u disgħin Ewro (€30,395)

rappreżentanti ħlas dovut għall-merkanzija mibjugħa u supplita u għal servizzi reżi mis-socjeta' rikorrenti lill-intimat;

(ii) **Tikkundanna** lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-imsemmija somma ta' tletin elf, tliet mija u ħamsa u disgħin Ewro (€30,395).

Bl-ispejjeż kollha inkluż dak tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1537/2020 u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv ikunu a karigu ta' l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**